# 750 Sena mill-Għoti tal-Labtu tal-Karmnu

*minn* **Fra Renald J.M. Lofreda O. Carm.**



## Sena Marjana Karmelitana

Permezz ta' ittra li bagħat fis-16 ta' Mejju 2000, il-Pirjol Ġenerali ta' l-Ordni Karmelitan, P. Joseph Chalmers O. Carm., ħabbar li s-sena 2001 għandha tkun *Sena Marjana Karmelitana* fl-Ordni Karmelitan kollu f'għeluq is-750 sena mit-tradizzjoni għażiża tad-dehra tal-Madonna tal-Karmnu lil San Xmun Stock li fiha tatu l-Labtu Mqaddes bħala sinjal ta' ħarsien. F'din l-ittra l-Pirjol Ġenerali ħeġġeġ lil kull Karmelitan biex matul din is-sena jsir jaf aktar lil Marija u permezz tagħha jasal biex jersaq aktar qrib lejn Ġesù li hu ċ-ċentru tal-ħajja Karmelitana.

Biex din is-sena tiġi mgħixa u ċċelebrata kif jixraq, l-Ordni kollu qiegħed jorganizza attivitajiet u ċelebrazzjonijiet Marjani. Fil-provinċja Karmelitana Maltija, iċ-ċelebrazzjonijiet bdew nhar it-Tlieta 16 ta' Jannar 2001 permezz ta' quddiesa konċelebrata mmexxija mill-Provinċjal tal-Karmelitani fis-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu, il-Belt. Waqt din iċ-ċelebrazzjoni nqrat ittra li l-Pirjol Ġenerali bagħat lill-Karmelitani Maltin għal din l-okkażjoni kif ukoll tħabbar il-programm taċ-ċelebrazzjonijiet li l-kummissjoni mwaqqfa apposta fil-Kapitlu Provinċjali 2000 ħejjiet għal din is-sena. Fil-fatt nhar is-Sibt 17 ta' Frar 2001 sar pellegrinaġġ Marjan għall-abbatini Karmelitani u l-abbatini tal-knejjes iddedikati lill-Madonna. Dan sar fil-parroċċa tagħna mill-Knisja l-Antika u Matriċi sal-Knisja Parrokkjali fejn saret ċelebrazzjoni permezz ta' kant u talb. Fil-25 ta' Marzu ġiet organizzata ġurnata għall-familja fid-Dar tat-Talb, il-Lunzjata li ntemmet permezz ta' quddiesa u pellegrinaġġ bil-kwadru tal-Madonna. Fix-xahar ta' Mejju saru diversi konferenzi fuq il-Madonna minn Marjologu Irlandiż, Patri Chris O'Donnel O. Carm., u fil-bidu ta' Ġunju ġie organizzat pellegrinaġġ Marjan għal Aylseford fejn skond it-tradizzjoni seħħet id-dehra tal-Labtu. Nhar l-Erbgħa 27 ta' Ġunju saret manifestazzjoni Marjana mill-Knisja ta' San Publiju fil-Furjana sal-Kon-



katidral ta' San Ġwann il-Belt. Iċ-ċelebrazzjonijiet qegħdin jilħqu l-qofol tagħhom f'dan ix-xahar ta' Lulju u se jkomplu matul is-sena kollha sa Diċembru.

Min-natura tiegħu, il-bniedem irid juri l-ferħ tiegħu minn barra billi jiċċelebra u jifraħ. Iżda din is-sena Marjana m'għandhiex tkun biss okkażjoni biex nagħmlu l-festi u malli tgħaddi jintesa kollox. F'sena bħal din kull Karmelitan għandu jfittex li jsir jaf aktar lil Marija u jikber dejjem aktar fir-relazzjoni tiegħu magħha bħala ommu għażiża. Marija hija mezz effikaċi li jwassalna għand Ġesù. Għall-parroċċa tagħna li hija mmexxija mill-Patrijiet Karmelitani, din is-sena għandha tkun okkażjoni biex insiru nafu aktar min hi Marija, x'rabta għandha mal-Karmelitani u x'post għandha fil-ħajja tagħna ta' nsara.

## Marija Patruna tal-Karmelitani

L-ordnijiet reliġjużi, sa mit-twaqqif tagħhom, dejjem kellhom devozzjoni partikulari lejn il-Madonna, l-aktar dawk kontemplattivi bħalma huma l-Karmelitani. Sa mill-bidu tagħhom fuq il-Karmelu sal-ġurnata ta' llum, il-Karmelitani dejjem żammew lil Marja f'post ta' ġieħ u ħatru lilha bħala omm, patruna u sinjura tal-post tagħhom. Marija u l-Karmelu huma marbutin flimkien u l-Karmelu huwa kollu kemm hu ta' Marija. Ir-regola Karmelitana hija mfassla fuq il-mixja wara Ġesù Kristu u tiġi mgħixa ma' Marija u f'Marija għaliex kif jgħid il-Beatu Titu Brandsma, kull Karmelitan irid ikun Marija oħra u jħalli lil Marija tgħix fih.

Min-natura tiegħu, il-Karmelu huwa wkoll Marjan u li kieku ma kienx Marjan, ma kienx ikun Karmelitan. Din il-karatteristika Marjana ta' l-Ordni twieldet mill-mentalità medjevali li fiha twaqqaf l-Ordni fil-bidu tas-seklu 13. F'dawk iż-żminijiet lanqas biss kont toħlom li ma tkunx taħt il-protezzjoni ta' sid fewdatarju jekk ma kontx tkun kjerku jew kavallier. L-ideal Karmelitan kien sa mill-bidunett wara Kristu, is-Sid ta' l-Art Imqaddsa. U la darba l-Karmelitani bdew fl-Art Imqaddsa, ħassew li kellu jkollhom ukoll rabta ma' omm is-sid tagħhom, Marija. Huma kienu jħarsu lejn Marija bħala s-sinjura tal-post u bħala protettriċi tagħhom għaliex huma kienu l-qaddejja ta' Binha. Għalhekk il-Karmelitani għażlu lil Marija bħala patruna tagħhom. Li jkollok padrun kien jimplika ċerti drittijiet għas-sudditi u obbligi min-naħa tas-sudditi lejn il-padrun. Għalhekk il-Karmelitani jiddedikaw ruħhom għal Marija u jonorawha, filwaqt li Marija tħarishom.

Il-ktieb għażiż għall-Ordni Karmelitan *De Institutione Primorum Monachorum*, jgħid li l-ewwel Karmelitani għażlu lil Marija bħala patruna u protettriċi tagħhom għaliex hi biss fost in-nisa kollha kienet tixbaħ lilhom, fis-sens li offriet lil Alla l-verġnità tagħha. Kif huma kienu l-ewwel verġni fost l-irġiel, Marija kienet l-ewwel verġni fost in-nisa.

Ir-rabta tal-Karmelitani mal-Madonna tidher ukoll mit-titlu uffiċċjali ta' l-Ordni: *L-Ordni ta' l-Aħwa tal-Verġni Mqaddsa Marija ta' l-Għolja tal-Karmelu*. Sa mill-bidu tagħhom fuq il-Karmelu, in-nies bdew isibuhom b'dan l-isem. Il-kostituzzjonijiet ta' l-Ordni ta' l-1249 kienu taw direttiva li kull meta xi Karmelitan kien jiġi mistoqsi

xi ħaġa dwar l-Ordni dan kellu jagħti l-isem tal-Madonna. Ġwanni Baconthorpe, awtur Marjan importanti ħafna jipprova juri li r-regula Karmelitana tirrifletti l-virtujiet ta' Marija u għalhekk bir-raġun kollu li l-Ordni jġib isimha. Hu jgħid bla tlaqliq li l-Ordni ma jkunx fidil lejn l-għan li għalih twaqqaf jekk ma jżommx f'qalbu lil Marija. Awtur ieħor Karmelitan, Arnoldo Bostio jgħid li kull Karmelitan irid iħobb, jimita, jitlob u jiddependi minn Marija għaliex hija għajn ta' grazzji.

## Marija Omm il-Karmelu

Marija hija s-sinjura tal-Karmelitani, iżda aktar milli patruna hija omm li tħares lil uliedha b'imħabba kbira. Il-Karmelu huwa kkonsagrat lil Alla fuq l-imitazzjoni ta' Marija li bħala omm tidħol għall-bnedmin u tibgħat fuqna xita ta' grazzji mis-sema. Il-Karmelitani dejjem attribwew il-ħelsien ta' l-Ordni mill-qerda lil din l-omm għażiża tagħhom. Bħala radd il-ħajr lil din l-Omm tas-sema bdew jiċċelebraw it-tifkira solenni tal-Verġni Mqaddsa Marija ta' l-Għolja tal-Karmelu fis-16 ta' Lulju. Minħabba dan it-titlu ta' omm hemm famljarità kbira bejn Marija u l-Karmelitani. Għandna ħafna leġġendi u tradizzjonijiet li juruna kemm drabi l-Madonna daħlet għall-Ordni tagħha u salvatu mill-persekuzzjoni u l-qerda.

## Ir-Rigal tal-Labtu Mqaddes

Bla dubju ta' xejn, it-tradizzjoni għażiża tad-dehra u l-għoti tal-labtu lil San Xmun Stock mill-Madonna hija xhieda ta' l-imħabba ta' Marija lejn l-Ordni Karmelitan. Din it-tradizzjoni għażiża teħodna lura lejn is-sena 1251 meta l-Karmelitani kienu għaddejjin minn żmien ikrah u diffiċli. Kienu għadhom kemm ġew fl-Ewropa wara li ħarbu minn fuq il-Karmelu minħabba l-Musulmani u minħabba li ħadd ma kien jaf bihom, l-isqfijiet u l-kappillani ma riduhomx fit-territorji tagħhom għax bdew jgħidu li ma setgħux jifhmu xi bżonn kien hemm ta' Ordni Mendikanti ġdid fil-Knisja.

Il-Pirjol Ġenerali ta' dak iż-żmien, Xmun Stock kien inkwetat ħafna għall-Ordni u ta' sikwit kien jitlob lill-Madonna b'fidi sħiħa biex hija tagħti lill-Karmelitani xi sinjal. B'insistenza kbira kien jitlob lil Marija bit-talba għażiża tal-*Flos Carmeli*.

Fjur tal-Karmelu,<br>
dielja għammiela,<br>
dija tas-sema,<br>
Int waħdek fix-xbubija,<br>
B'gieħ t'omm tiftaħar.

Omm l-iżjed ħelwa,<br>
li ġmielek qatt ma ttabba',<br>
lill-Karmelitani,<br>
agħtihom rahan ta' mħabba.<br>
Kewkba tal-baħar.

Skond it-tradizzjoni l-Madonna qatgħet ix-xewqa ta' Xmun meta fil-lejl tas-16 ta' Lulju 1251 deheritlu waqt li kien qiegħed jitlobha u tatu l-Labtu bħala sinjal tal-ħarsien tagħha. Għall-Karmelitani, il-Labtu huwa sinjal ta' konsagrazzjoni lil Marija u sinjal tal-ħarsien tagħha. Kull min jilbsu jrid jiftakar dejjem li jrid jimita l-virtujiet ta' Marija.

Il-maternità ta' Marija għall-Karmelu hija realtà kontinwa fil-ħajja ta' kuljum ta' kull Karmelitan. Ta' veru omm li hi, Marija qatt ma titlaq lil uliedha l-aktar fil-

mumenti diffiċli u tal-bżonn. Marija hija l-mimlija bil-grazzja, l-aktar ħlejqa qrib ta' Alla u għalhekk l-imħabba tagħha ta' omm mhix biss għall-Karmelu, iżda għall-Knisja kollha. Marija ssir kollox għal kulħadd u tiftaħ il-qalb ħanina tagħha biex kulħad iħoss l-imħabba kbira tagħha. Marija dejjem tidħol għal uliedha li hija tnissel għal Kristu permezz tal-Vanġelu u tagħtihom il-ħajja sakemm Kristu jifforma ruħu ġewwa fihom u huma jingħaqdu miegħu fis-sema.

## Id-Devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu f'Santa Venera

Fit-12 ta' Diċembru 1912 il-Patrijiet Karmelitani aċċettaw li jieħdu f'idejhom il-knisja l-antika ta' Santa Venera. Sa minn meta nbniet, din il-knisja kienet iddedikata lil Santa Venera V.M. u hekk baqgħet sa llum. Għalkemm il-Karmelitani ma ddedikawx il-knisja lill-Madonna tal-Karmnu, madankollu ma setax ikun li jonqsu milli jxerrdu d-devozzjoni lejha. Fil-parroċċa tagħna għandna devozzjoni kbira lejn il-Madonna tal-Karmnu u j'alla tkompli tikber u tissaħħaħ. It-Terz'Ordni ma damx ma qabad għeruq sodi f'Santa Venera u kien proprju fil-Knisja l-Antika u Matriċi li l-Beatu Dun Ġorġ Preca nkiteb bħala Terzjarju Karmelitan fil-21 ta' Lulju 1918 u sena wara pprofessa fit-Terz'Ordni u ħa l-isem ta' Patri Franku. Dan ġara fis-26 ta' Lulju 1919.



*L-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu meqjuma fil-kripta tal-Knisja Parrokkjali.*

Fl-istess knisja nsibu kwadru sabiħ li huwa skola tal-Cali, li jirrappreżenta lill-Madonna qiegħda tagħti l-Labtu lil San Xmun Stock. Fil-Knisja Parrokkjali nsibu l-istatwa sabiħa u devota tal-Madonna tal-Karmnu. Din l-istatwa saret f'Ruma fl-1949 mid-ditta *Arte Sacra* u ġiet tiswa Lm50. Wara saritilha l-induratura li ġiet tiswa Lm80 u l-kuruna tal-fidda li swiet Lm20. Il-pedestall artistiku li fuqu tintrama l-Madonna inxtara mingħand il-Komunità Karmelitana tal-Belt Valletta u saru wkoll erba' anġli biex jintramaw fl-erba' kantunieri tiegħu. Dawn iżommu f'idejhom simboli Marjani u żigarella kull wieħed bil-kliem *Gloria Libani data est di, decor Carmeli et Saron*. Il-glorja tal-Libanu tingħata lilha, il-ġmiel tal-Karmel u ta' Saron. Nazzarenu Zammit ħallas l-istellarju tal-Madonna, ir-raġġiera tal-Bambin u l-labtijiet tal-fidda li ġew jiswew Lm22. Aktar tard l-induratura reġgħet saret mill-ġdid u saru wkoll il-bankun u l-bradella ġodda, li jintużaw ukoll biex



*Il-kwadru sabiħ ta' l-iskola ta' Cali, li tirrappreżenta lill-Madonna qiegħda tagħti l-Labtu lil San Xmun Stock.*

fuqhom tintrama l-istatwa ta' Marija Addolorata. Din l-istatwa tal-Madonna liebsa t-tonka tal-Karmelitani u l-kappa bajda, għalkemm sempliċi u mhux ta' xi valur artistiku partikulari għandha ħlewwa li ssaħħar u tiġbed lil dak li jkun sabiex jieqaf quddiemha u jitlob.

Id-direttur tat-Terzjarji ta' dak iż-żmien Patri Rafel Caruana rsista kemm felaħ għal din l-istatwa li tħallset minn ċerta Sinjura Borg minn Ħal Qormi. Meta l-patrijiet kienu fetħu l-kappella tax-Châteaux Lonz din l-istatwa kienet tinżamm fiha u għall-festa kienet tittieħed u tintrama fil-knisja l-antika, f'dak iż-żmien il-Knisja Parrokkjali. Il-festa u l-purċissjoni tal-Madonna tal-Karmnu fil-parroċċa tagħna kienet issir fix-xahar ta' Lulju, Ħadd qabel Santa Venera. Iżda mbagħad il-festa bdiet issir f'Ottubru fis-Sibt l-aktar viċin tat-13 tax-xahar li huwa l-aħħar dehra tal-Madonna ta' Fatima. Meta tlestiet il-kripta tal-knisja l-ġdida, l-istatwa bdiet tinżamm fiha u l-festa f'Ottubru bdiet issir fiha wkoll u hekk għadha sal-ġurnata tal-lum.

Huwa d-dmir ta' kull Karmelitan li jżomm ħajja d-devozzjoni Marjana tal-Karmelu. Il-Papa Ġwanni Pawlu II, eżorta lill-Familja Karmelitana meta qalilha li għandha tradizzjoni Kristoloġika u Marjana li trid iżżommha ħajja għax il- fraternità Karmelitana hija kkaratterizzata minn dan l-aspett Marjan. Il-Karmelu jeżisti għal Marija, hija kollox għall-Karmelu. Fil-Karmelu kollox jitkellem fuq Marija: it-titlu, it-tonka, il-liturġija, l-ispiritwalità u l-mistika. Il-Karmelu huwa kollu kemm hu ta' Marija.


# LANTERN PHARMACY

1, Misraħ il-Kebbies, Sta. Venera • Tel: 444648

**For all your health & beauty requirements**

*We wish all our clients a happy feast*